MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 3496/1996/1

Anthony Conti u b' digriet tat-22 ta' Lulju 2004 l-atti gew trasfuzi f' isem Gladys Conti, Elizabeth Grech u Angela Grech stante l-mewt tal-attur Anthony Conti
vs
Maria Bianchi f' isimha propju u ghan-nom ta' Amica Limited

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tal-konvenuta pro et noe li bih ippremettiet:

Illi l-konvenuta pro et noe kienet giet innotifikata biss ricentement bil-kawza odjerna, u dan minkejja li ilha intavolata sahansitra mill-1996;

Illi l-konvenuta pro et noe naqset li tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha fit-terminu moghti, b'ebda disrispett lejn il-Qorti, izda ghal ragunijiet ben spjegabbli;

Illi qabel xejn il-konvenuta pro et noe tixtieq tispjega li fiz-zmien li rceviet l-atti tal-kawza odjerna, hija kienet ferm imhabbta f'nofs il-preparamenti ghat-tieg ta' bintha li kienet qed torganizza;

Illi inoltre xtaqet tispjega wkoll illi xi snin ilu, is-sinjuri Conti kienu fethu kawza ohra (305/85 JH) kontriha sabiex jinfetah il-hanut, li ghalih l-atturi qed jitolbu l-kera. Peress illi l-indirizz li jidher fuq ic-citazzjoni odjerna huwa dak ta' hu l-konvenuta pro et noe, li kellu x'jaqsam mal-kawza precedenti, u peress illi jidher l-isem ta' Conti fuq ic-citazzjoni odjerna, il-konvenuta pro et noe genwinament hasbet li din kienet tikkoncerna l-kawza precedenti;

Illi sa fejn tiftakar il-konvenuta pro et noe, il-kawza precedenti ilha li giet differita ***sine die**;*

Illi l-konvenuta pro et noe kienet wiegbet ghall-kawza precedenti, u ghalhekk kellha raguni tikkonkludi li l-avviz tat-terminu ma kienx japplika ghaliha. Ma kienx jaghmel sens li terga' twiegeb ghall-istess kawza li ghaliha gja wiegbet!;
Illi ciononostante hi kellha kull intenzjoni li tmur bl-atti ghand avukat. Meta rat li d-data indikata bil-miktub fuq l-avviz kien ghat-3 ta' Mejju 2004, u li kwindi kien fadal zmien, iddecidiet li tmur ghand avukat wara t-tieg.

Sfortunatament wara t-tieg hija mardet, u sakemm fieqet lahaq ghadda t-terminu biex twiegeb;

Illi fil-fehma umli tal-konvenuta pro et noe, is-suespost jiggustifika n-nuqqas taghha li twiegeb fil-hin;

Illi l-konvenuta pro et noe ma kellha l-ebda hjiel ta' din il-kawza, izda issa li hadet konjizzjoni taghha, hija tixtieq tikkontestaha, u r-ragunijiet fil-qosor huma s-segwenti:

1. Qabel xejn it-talba attrici hija preskritta, jekk xejn parzjalment, a bazi tal-preskrizzjoni kwinkwennali;
2. Di piu` hija ma taqbilx mas-somma pretiza;
3. Aktar importanti, tezisti kawza pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta *(John Attard*

*et vs Yvonne Ellul et* - 1458/93 PS), koncernanti l-hanut *de quo* u timpingi fuq il-kirjiet maghmula. L-ezitu ta' din il-kawza ser jistabbilixxi l-validita`/nullita` ta' tali kirjiet, u ghalhekk tezisti possibilita` li l-kuntratt li fuqu hija bbazata l-kawza odjerna jigi rexiss/dikjarat null, f'liema kaz ebda kera ma tkun dovuta, anzi kirjiet gja mhallsa jkollhom jigu rifuzi;

4. Minghajr pregjudizzju, kwalsiasi somma li tirrizulta dovuta f'kera, ghandha semmai tigi mnaqqsa/pacuta kontra d-danni sofferti mill-konvenuta pro et noe, minhabba l-agir tal-atturi li ma ppermettewlhiex tuza u tgawdi l-fond skond il-kuntratt;

Illi r-ragunijiet suesposti juru kif fir-realta` l-konvenuta pro et noe kellha kontestazzjoni validissimi ghat-talba odjerna. Di piu` mis-suespost ghandu jirrizulta wkoll illi l-konvenuta pro et noe ser tigi serjament ippregjudikata, jekk ma tinghatax il-fakulta` tipprezenta l-eccezzjonijiet formali taghha;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti, u in vista tal-gustifikazzjoni moghtija, il-konvenuta pro et noe talbet lill-Qorti sabiex tigi awtorizzata tipprezenta l-eccezzjonijiet formali taghha biex tiddefendi ruhha fil-kawza odjerna.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-atturi li eccepew:

1. Illi huma gew notifikati bir-rikors tal-konvenuti tal-24 ta' Novembru 2004 li ghalih saret ir-risposta fid-29 ta' Novembru 2004.

2. Illi l-ghan ewlieni tar-rikors tal-konvenuti huwa sabiex tigi gustifikata l-kontumacja taghhom u certament illi l-preparamenti tat-tieg tat-tifla, avveniment sabih ghal kull familja, ma jistax jiggustifika l-istess kontumacja u dan ghal ragunijiet ovvji.

3. Illi l-kawza li ghaliha saret riferenza fir-raba' paragrafu tar-rikors promotur u cioe` dik bin-numru 305/85 JH ilha deciza s-snin u ma ghandha x'taqsam xejn mal-

proceduri odjerni u in ogni caso kienet ilha miftuha ghal disa’ snin shah qabel ma giet istitwita l-kawza odjerna.

4. Illi jekk il-konvenuta pro et noe halltet kawza ma’ ohra, sia pure li ghandha numru kompletament differenti l-wahda mill-ohra u b’diskrepanza ta’ istituzzjoni bejn iz-zewg kawzi ta’ disa’ snin, certament huwa tort tar-rikorrenti biss li ma qabditx u ghamlet dak li kien mistenni minnha u cioe` li tqabbad avukat tempestivament sabiex jittutela d-drittijiet taghha.

5. Jekk il-konvenuta pro et noe, kif qalet hija stess, iddecidiet li tmur bil-karti li rceviet mill-Qorti (kawza odjerna) wara t-tieg tat-tifla, allura *imputet sibi* u kwindi ma setghetx tavvanza dan l-ilment bhala gustifikazzjoni ghat-tortijiet taghha stess!!

6. Il-fatt li l-konvenuta mardet, kif allegat minghajr ma ressqet ebda prova ta’ dan, wara t-tieg u allura kien hemm dewmien iehor biex marret ghand l-avukat ma ghandux lanqas jiggustifika l-kontumacja tal-konvenuta pro et noe stante li hija kienet gja` kontumacja bid-dewmien taghha li stenniet li tmur wara t-tieg u ghalhekk il-kontinwu ritard taghha, b’rizultat tal-mard, ma ziedx fil-kontumacja taghha ghax, kif jaf kulhadd, konvenut jaqa’ kontumaci bid-dekors ta’ ghoxrin gurnata min-notifika tac-citazzjoni fejn espressament hemm imnizzel li l-konvenut ghandu certi obbligi x’jaghmel sabiex jikkontesta t-talbiet attrici.

7. Illi l-konvenuta donnha kien issa biss, u cioe` fl-24 ta’ Novembru 2004, li rrealizzat li ghandha l-obbligu li tiggustifika l-kontumacja taghha u dan wara li ghadda aktar minn zmien bizzejjed sabiex tirrealizza li n-nuqqas ta’ agir taghha tempestivament ippregudikalha d-drittijiet taghha irreparabilment.

8. Ghal dawn il-motivi l-atturi ssottomettew li t-talba tal-konvenuti sabiex jiggustifika l-kontumacja taghhom ma ghandhomx jigu milqugha u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom u dan isir taht dawk il-provvedimenti kollha li l-Qorti joghgobha timponi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Dan id-digriet gie provokat bir-rikors maghmul mill-konvenuta Maria Bianchi pro et noe fl-24 ta' Novembru 2004. Fih hi talbet il-gustifikazzjoni tal-kontumacja oltre li minghajr awtorizzazzjoni semmiet ir-ragunijiet fuq liema bazi xtaqet tikkontesta t-talba attrici (speci ta' nota ta' eccezzjonijiet). Ta min isemmi li fil-fatt kif jirrizulta a fol 26 tal-process, hi giet notifikata fit-12 ta' Frar 2004 ghalkemm ir-rikors in kwistjoni gie prezentat oltre 9 xhur wara u cioe` fl-24 ta' Novembru 2004 meta jew hi jew familjari jew konsulent legali taghha dehru l-Qorti fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2004, 25 ta' Mejju 2004, 8 ta' Gunju 2004, 30 ta' Gunju 2004, 14 ta' Ottubru 2004, 19 ta' Novembru 2004. Ghal dan il-ghan talbet li tigi awtorizzata li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet, liema talba giet opposta mill-kontro parti.

Ikkunsidrat li l-principji li jirregolaw il-materja ta' gustifikazzjoni tal-kontumacja ilhom migbura sa mill-1937 mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Vittorio Cassar vs Carmelo Vassallo** [XXIX-I-1581], liema principji baqghu jigu applikati regolarment f'kawzi sussegwenti b'tali mod li ffurmaw gurisprudenza cara u inekwivoka.

Inoltre fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Frar 1995 fl-ismijiet **Joseph Naudi Montalto noe vs Emmanuel Xuereb** saret referenza esplicita ghat-tmien principji s-segwenti:

1. Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;
2. Anqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;

3. Biex ikun hemm lok ghal gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta;

4. Dina l-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu;

5. L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci;

6. L-izball mhux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa;

7. Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal una necessita` impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili;

8. L-impossibilita` li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika u eccezzjonalment biss tista' tkun morali;

Gie deciz mill-Qorti tal-Kummerc – Imh. J. Herrera – fis-7 ta' Frar 1983 illi l-kontumacja ma tistax tkun ritenuta gustifikata meta tkun kolpuza.

L-agir ta' persuna li thalli citazzjoni kummercjali fil-pussess taghha u maghmula kontriha ghal fuq minn xahar ghandu jkun kunsidrat bhala agir kolpevolissimu.

Il-kontumacja u d-decizjoni ta' kwistjoni jekk hux kontumaci konvenut jew le trid tkun deciza permezz ta' sentenza in parte seduta stante u mhux kameralment.

Ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-16 ta' Frar 1996 fl-ismijiet **Carmelo Bugeja vs Mary xebba Farrugia** gie ritenut hekk:

"Diversi kienu d-decizjonijiet ta' dawn il-Qrati in materja ta' kontumacja u l-gustfikazzjoni o meno taghha. Peress li kull kaz hafna drabi jipprospetta fattispecje differenti, id-decizjonijiet mhumiex ghal kollox uniformi, fis-sens li hemm xi whud minnhom li adottaw linja rigida mentri ohrajn kienu izjed flessibli u liberali. Din il-Qorti jidhrilha li

meta l-ligi stess ipprefiggiet terminu preciz u relattivament twil – ghoxrin jum – m' ghandhiex tammetti li, jekk mhux ghal xi raguni gravi jew eccezzjonali, testendi dan il-perjodu jew tinnewtralizzah bl-ammissjoni ta' eccezzjonijiett – wara l-gheluq tieghu. Huwa minnu li l-ligi stess taghti tali diskrezzjoni lill-Qorti imma huwa appuntu ghal din ir-raguni li l-gudikant ghandu jezercita tali diskrezzjoni b'mod xieraq u meqjus. Fil-kaz prezenti l-agir tal-appellant kien kolpuz u jekk il-Qorti kellha tammetti tali agir ghall-fini ta' gustifikazzjoni ta' stat ta' kontumacja, allura ftit jibqa' jaghmel sens dak li jesigi l-Kodici tal-Procedura. Huwa principju assodat minn sensiela ta' decizjonijiet li l-kontumacja ma tistax titqies gustifikata meta din hija kolpuza. Dejjem kien ritenut li m'ghandux ikun hemm negligenza jew htija tal-parti, ghax allura minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm il-culpa u f'dak il-kaz il-persuna ma tkunx tista' tilmenta minn xejn ghax ***qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire***. L-appellanti agixxiet negligentement u trid tissubixxi l-konsegwenzi tal-agir taghha." Ara wkoll **Simonds Farsons Cisk Limited vs Saviour Deguara** deciza fid-19 ta' Mejju 1997 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili – Imh. N. Arrigo.

Fil-kawza fl-ismijiet **Pauline Caruana et vs Spiro Mangion et** [Citazz. Nru: 44/97] fl-21 ta' Jannar 1998 – Imh N Arrigo intqal:

"L-istituzzjoni tal-kontumacja ghalkemm ghadha tifforma parti mill-ordinament guridiku taghna, qed tigi interpretata b'mod illi aktar jirrifletti d-dritt ta' kull individwu li jkollu smiegh xieraq quddiem tribunal indipendenti fejn jista' jressaq il-provi w id-difiza tieghu.

B'hekk gie stabbilit fil-gurisprudenza taghna, illi l-kontumacja trid tkun volontarja u kolpuza u li ghaliha ma jkunx hemm kawza gusta **Paul Grixti vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici** - Qorti ta' l-Appell [Sede Kummercjali] - 15/12/1975.

Fil-kawza **Falzon George vs Connie Camilleri** deciza fit-30 ta' Jannar 1998 mill-Prim' Awla Qorti Civili – Imh. N.

Arrigo il-Qorti hasset li ghall-kontumacja jista' jkun hemm rimedju billi l-konvenut jitlob li jithalla jissana l-kontumacja tieghu bil-konsegwenza li jithalla jressaq tard l-eccezzjonijiet tieghu wara li l-Qorti taccetta r-raguni ghala baqa' kontumaci. F' dak il-kaz il-kontumacja giet gustifikata ghax matul l-ghoxrin jum il-konvenuta kienet marida.

Fil-kawza fl-ismijiet **Tabone Computer Centre Limited vs Continental Cars Limited** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Ottubru 1999 – Imh. R. Pace, intqal li l-kontumacja gustifikata minkejja li l-karti waslu ghand is-segretarja personali tal-Managing Director. Ara wkoll f' dan is-sens **Michael Philippov et vs Paul Stoner et** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 1988 – Imh. R. Pace.

Ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Reverendu Dun Mikiel Degiovanni vs Doris Cossai** deciza fis-6 ta' Ottubru 2000 mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri [LXXXIV-II-892] gie ritenut li fil-kaz taht ezami ma kenitx tokkorri dik il-kontumelja razenti d-disprezz li tintitolaha li tibqa' tqis lill-konvenuta kontumaci f'dan il-process. Hasset li l-istitut tal-kontumacja huwa bazat fuq il-presuppost illi l-konvenut, bin-nuqqas tieghu wera kontumelja u dispett ghas-sejha tal-Qorti, meta huwa gie konvenut bl-avviz, citazzjoni, rikors, libell jew petizzjoni. U hija din id-dizubbidjenza animata psikologikament b'dawk il-fatturi ta' kontumelja u dispett, li l-ligi trid tirreprimi u tippunixxi, in kwantu kontumacja bhal dik hi element ta' disordni socjali.

Ghalhekk meta kwalsiasi Qorti tigi konfrontata b'kontumacja formali u ma jkollhiex ukoll il-konvinzjoni certa u soda ta' dan l-aspett negattiv tan-nuqqas tal-konvenuta, allura jkun jehtieg ezami ulterjuri tal-fatturi l-ohra necessarji biex dik il-konvinzjoni tigi furmata. U hekk titlob ir-raguni guridika ta' sitwazzjoni fejn il-konvenut se jigi kundannat fl-assenza ta' difiza.

## D. KONKLUZJONIJIET:

Il-konvenuta ppruvat tiggustifika l-kontumacja fuq il-fatt li fiz-zmien li rceviet l-atti tal-kawza odjerna hija kienet ferm

imhabbta f’ nofs il-preparamenti tat-tieg ta’ bintha u li in segwitu kienet ma tiflahx. Ukoll ippruvat tiggustifikaha billi sostniet li hawwdet tali kawza ma’ ohra li s-sinjuri Conti kienu fethu kontriha sabiex jinfetah il-hanut.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-agir tal-konvenuta zgur illi ma jammontax ghal “zball invincibbli”. Jirrizulta li l-kontumacja in kwistjoni kienet certament kolpuza. Il-fatt li wiehed ikun qed jipprepara ghal tieg ma hix gustifikazzjoni biex ghal perjodu ta’ 20 gurnata shah ma jiftahx ittra u jmur biha ghand il-konsulent legali tieghu biex jara fuq xiex tittratta. Ic-citazzjoni stess fiha l-forma stampata fejn jirrizulta car l-obbligu ta’ persuna li tirrispondi tali citazzjoni. Il-konvenuta mhux biss ma gabitx provi li wara kienet indisposta izda jirrizulta li ghalkemm notifikata fit-12 ta’ Frar 2004 kien biss fl-24 ta’ Novembru 2004 meta intavolat ir-rikors ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja. Huwa veru li matul dan iz-zmien kienu saru anke tentattivi ta’ tranzazzjoni izda qed jirrizulta li kien biss fl-istadju ta’ meta l-kawza bdiet tersaq ghall-eghluq tal-provi tal-attrici li l-konvenuta intavolat ir-rikors. Il-konvenuta ma gabet ebda kawza gusta ghax anqas biss ma tista’ titqies bhala kawza gusta l-fatt li hawwdet il-proceduri ma’ kawza ohra pendenti. Inoltre l-kawza msemmija ilha deciza snin u m’ ghandha x’ taqsam xejn mal-proceduri odjerni. Anqas ma jirrizulta li kien hemm xi impediment legittimu indipendenti mill-volonta` tal-konvenuta. L-izball tal-konvenuta mhux xi zball invincibbli u ghalhekk l-istess konvenuta ghandha l-kolpa f’ dak li gara, u b’ ebda mod ma jirrizulta n-“necessita` impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili.”

Jibqa’ biss li wiehed jezamina dak li jissemma fil-kawza **Degiovanni vs Cossai** fuq citata u cioe` li me kenitx tissussisti dik il-kontumelja razenti d-disprezz. Din il-Qorti fil-fatt thoss li rarament gie sostnut tali principju u li tali element mhux essenzjali izda diskrezzjonali f’ idejn il-Qorti biex tara jekk hemmx dan l-element li jista’ jiggustifika l-kontumacja. Certament li fil-kaz in ezami l-konvenuta ma kellha xejn minn dan izda din il-Qorti kif presjeduta ma thossx li ghandha tiddipartixxi mill-insenjament moghti fil-

kawzi l-ohra fuq citati oltre mijiet ta’ kawzi ohra f’ dan is-sens.

Ghalhekk ma thossx li l-konvenuta ggustifikat il-kontumacja.  Ghar-ragunijiet fuq imsemmija t-talba tal-konvenuta qed tigi michuda, bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------